MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 33/2013

**Angelo Zahra**

**vs**

**L-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali, Direttur Ġenerali Taxxi Nterni, il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors Kostituzzjonali tar-rikorrent Angelo Zahra, ippreżentat fit-12 ta' April 2013 fejn ġie premess:

Illi fid-9 ta' Marzu 2012 fil-każ fl-ismijiet **"Il-Pulizija (Spettur Angelo Agius) vs Angelo Zahra"** (Każ Nru. 88394/10/01/01) instab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati ta' imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu taħt l-artikolu 23 tal-Kap 372 kif ukoll ir-regoli dwar l-FSS u kkundannatu għal elf Euro.

Illi l-esponent għażel illi ma jappellax għaliex il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ċara u appell tiegħu kien ikun perfettament inutili.

Illi l-avukat ġenerali appella mill-imsemmija sentenza billi filwaqt illi talab konferma tas-senteza fejn l-appellat instab hati talab ukoll l-impożizzjoni ta' multa addizzjonali skond id-dispożizzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap 372.

Illi l-appell tal-esponent qiegħed pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi l-esponent qed jikkontesta l-liġi illi tifforma l-bażi tas-sejba tal-ħtija tiegħu.

Illli, fil-qosor, għal dawk li huma konsiderazzjoni ta' ermenewtika legali, is-sitwazzjoni xejn feliċi tal-appellat hija kawża tal-azzjoni kombinata ta' sensiela ta' regoli li ser jiġu kontestati. Fil-qosor, ir-regoli ċitati fil-*footnotes* joħolqu l-qafas legali segwenti:

(a) Illi direttur huwa responsabbli personalment kriminalment għan-nuqqasijiet ta' kumpannija illi totempera ruħha mal-liġijiet tal-income tax rigward l-FSS;[1]

(b) Illi direttur huwa responsabbli personalment kriminalment għan-nuqqasijiet ta' kumpannija illi tottempera ruħha mal-liġijiet tal-Income Tax anke jekk iressaq d-difiża kontemplata fl-Artikolu 13 tal-Kap 249;

(c) Illi direttur huwa responsabbli personalment kriminalment għan-nuqqasijiet ta' kumpannija illi tottempera ruħha mal-liġijiet tal-Income Tax anke jekk titressaq prova ta' azzjoni b'nuqqas ta' mala fede;

(d) Illi direttur huwa responsabbli personalment kriminalment għan-nuqqasijiet ta' kumpannji għal żmien indefinit sakemm il-kumpannija tottempera ruħha mal-liġi;

(e) Illi direttur huwa responsabbli kriminalment għan-nuqqasijiet ta' kumpannija għal żmien indefinit sakemm il-kumpannija tottempera ruħha mal-liġi anke jekk jiskonta piena karċerarja effettiva għal tali nuqqas;

(f) Illi, essenzjalment, proċeduri bħal dawk odjerni jikkulminaw f'piena ta' priġunerija għal dejn mad-Direttur Ġenerali, Taxxi Interni;

(g) Illi direttur affaċċjat b'sitwazzjoni bħal dik odjerna huwa suġġett għall-piena hekk imsejħa 'amministrattivi' kif ukoll piena kriminali.

## 1. Il-Fattispeċje partikolari tal-każ odjern

Il-fattispeċje relevanti għal każ huma dawn:

(a) Fi snin ta' nuqqas ta' ottemperanza mal-liġi tal-FSS l-appellat kien:

---

[1] Artikolu 7(1) tal-Kap 372 illi jgħid hekk:

'7.(1) Il-manager jew funzjonarju prinċipali ieħor ta' kull korp ta' persuni jkun responsabbli għall-għemil ta' dawk l-atti, affarijiet u ħwejjeġ kollha meħtieġa li jsiru bis-saħħa tal-Atti dwar it-Taxxi għall-istima tat-taxxa ta' dak il-korp u għall-ħlas tat-taxxa.'

Kif ukoll ir-regolament 30 tal-L.S. 372.14:

'30. Il-manager, uffiċjal prinċipali ieħor jew stralċjarju ta' xi korp ta' persuni ikun personalment responsabbli għal kull ħaġa li tkun meħtieġa li ssir taħt ir-regoli minn jew f'isem dak il-korp ta' persuni.'

i. Fil-ħabs ta’ Kordin jiskonta sentenza ta’ priġonerija effettiva għall-nuqqas ta’ ottemperenza mal-liġi tal-VAT;

ii. Fi sptar l-Ingilterra jieħu kura kontra l-kankru.

(b) Illi, *sopra corna bastonate,* minħabba akkuża oħra, l-assi tal-appellat jinstabu ffriżati b’ordni tal-pulizija u għalhekk l-imputat ma jistax jagħmel pagamenti.

(c) Illi l-appellat kien jħalli n-negozju tiegħu f’idejn l-impjegati tiegħu.[2]

## 2. Il-Mod Kif l-Effett Abbinat tan-Normi Surreferiti Jiksru d-Drittijiet Fondamentali tal-Esponenti

Illi l-effett tan-normi tal-FSS surreferiti joħolqu sitwazzjoni fejn persuna bħall-appellat:

(a) Ma tistax iffittex il-protezzjoni tas-*‘separate distinct personality’* tal-kumpannija għaliex huwa responsabbli kriminalment u ċivilment għall-inadempjenzi tagħha;

(b) Ma tistax tiskolpa ruħha a bażi ta’ difiża bażata fuq prinċipji ta’ ġustizzja naturali[3] bħal fil-kuntest tal-VAT jew l-Att Dwar l-

---

[2] Dan jirriżulta a fol. 23 tal-proċess fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati issir referenza fis-sens illi n-negozju kien f’idejn l-impjegati kif ukoll a fol. 19 tal-proċess fejn fis-sentenza tal-Prim’ Awla rigward stralċ issir referenza għal dan ukoll. Dwar il-marda tal-kanċer jirriżultaw żewġ ċertifikati fil-proċess a fol. 13, 14 u 15. L-iffriżar tal-assi a fol. 47 tal-proċess jirriżulta ordni tal-Qorti tal-Maġistrati ta’ Malta bħala Qorti Struttorja fejn l-appellat ġie pprojbit illi jiddisponi minn kull proprjeta’.

[3] **Bħal dawk kuntemplati fl-Artikolu 13 tal-Att Dwar l-Interpretazzjoni li tgħid hekk:**
*“13. Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f’xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta’ persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet tidher qed taġixxi f’dik il-kariga, tkun ħatja ta’ dak ir-reat kemm il-darba* ***ma tippruvax li r-reat ikun ser mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha*** *xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat: Iżda, ħlief dwar reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f’Att li fih f’Att li fih hemm dispożizzjoni li tixbaħ id-dispożizzjoni ta’ dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-artikolu għandhom japplikaw biss għal reati li jkunu saru wara l-bidu fis-seħħ ta’ dan l-Att.’*
**U l-Artikolu 66 u 82 tal-Kap 406 illi jgħidu hekk:**

Interpretazzjoni għaliex il-liġi tal-FSS ma tippermettix difiżi bħal dawk tal-inkonsapevolezza, diliġenza raġjonevoli u nuqqas ta' mala fede;

(c) Tibqa' responsabbi ad eternum sal-gurnata illi ssir il-ħlas għas-saldu;

(d) Tista' tmur il-ħabs minħabba dejn illi l-kumpannija illi fiha jkunu qed iservu tinkorri mad-Direttur Ġenerali, Taxxi Interni;

(e) Sensiela ta' normi b'nuqqas ta' kjarezza legali joħolqu sitwazzjoni fejn inadempjenza tista' tissarraf f'piena karċerarja effettiva;

(f) Isofri sensiela ta' penali deterrenti u punitivi għall-istess nuqqas. Taħt il-liġi tal-FSS infrazzjoni tattira l-estremi ta' piena kriminali *ad hoc* kif ukoll hekk imsejħa penali amministrattivi illi huma *'deterrent and punitive'*, u b'hekk *ai termini* tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja *'criminal charge.'* Għalhekk persuna fil-pożizzjoni tal-esponent qed isofri żewġ *'criminal charges'* għall-istess infrazzjoni.[4]

---

*"66(5) Rappreżentant ikollu responsabbilta' solidali mal-persuna li jkun qiegħed jirrapreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna:* ***iżda meta r-rapppreżentat ikun aġixxa in bona fede u ma jkunx qiegħed xjentement jikkontravjeni s-subartikolu (4)*** *jew kull obbligazzjoni oħra taħt dan l-Att,* ***ir-responsabbilta' tiegħu taħt dan is-subartikolu għandha tkun*** *limitata għall-flus jew għall-valur tal-proprjeta' li huwa jkun qiegħed jamministra jew jikkontrolla li tkun persuna jew dovuta lil persuna li huwa jkun ir-rappreżentant tagħha.'*

*'82(1) B'żieda u mingħajr preġudizzju għal kull obbligazzjoni ta' xi impjegat jew persuna oħra, meta xi ħaġa ssir jew tonqos milli ssir min korp ta' persuni, id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom japplikaw bħallikieku dik il-ħaġa tkun saret jew naqset milli ssir minn kull direttur, manager jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' dik il-korp ta' persuni: iżda direttur, manager jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp ta' persuni ma jkunx ħati ta' reat bis-saħħa ta' dan is-subartikolu jekk huwa jġib prova li huwa ma kienx jaf u ma setax b'diliġenza raġonevoli jsir jaf nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-għemil jew nuqqas.'*

[4] Persuna li tonqos illi taderixxi mal-liġi tal-FSS tista' ssofri kemm pieni hekk imsejħa 'amministrativi' kif ukoll prosegwiment kriminalment. Issir referenza għas-segwenti normi: L-Artikolu 23(13) tal-Kap 372: '(13) Kull persuna li tikser jew li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' xi regoli msemmija fis-subartikolu (1) teħel meta tinsab li ħatja, multa ta' mhux anqas minn EUR 116 u mhux iżjed minn EUR 1,160 jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u multa oħra ta' mhux inqas minn erba' ewro (€4) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin (€23) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat wara li tinsab tinsab ħatja: Iżda il-Kummissarju jista' jasal f'arranġament dwar reat taħt dan is-subartikolu u jista', qabel is-sentenza, iżomm jew jasal f'arranġamenti fuq proċedimenti taħt dan is-subartikolu: iżda wkoll ir-reat taħt dan l-

Ill għar-raġunijet premessi l-imsemmija normi jledu d-drittijiet fondamentali tal-appellat billi:

(a) Jiksru d-dritt tiegħu għall-proprjeta'[5] protett kemm mill-Konvenzjoni u mill-Kostituzzjoni għaliex joħloq piż sproporzjonat billi jaddossawh bid-djun tal-kumpannija anke f'nuqqas ta' prova ta' aġir in mala fede[6];

(b) Jiksru d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq[7] protett kemm mill-Konvenzjoni u mill-Kostituzzjoni għaliex ixejnu d-difiża illi jista' jressaq biex jiskolpa ruħu;

---

artikolu jibqa' jeżisti sakemm min jagħmel ir-reat ikun ikkonforma ma' u ħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' kull regola msemmija fih.'

Ir-regola 24 tal-liġi sussidjarja S.L. 372.14 li jgħid:

'24(1) Meta pagatur jonqos li jħares xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regoli kif indikat fl-Iskeda Ċ, il-Kummissarju jista', mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li għandu s-setgħa jieħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, jimponi fuq dak il-pagatur dik it-taxxa addizzjonali FSS rispettiva li hemm preskritta fl-Iskeda msemmija, javża lill-pagatur permezz ta' avviż ta' nuqqas ta' tħaris dwar l-ammont ta' dik it-taxxa addizzjonali u r-raġuni għaliex tkun qegħda mposta u jitlob lilu jew lir-rappreżentant tiegħu li jsewwi n-nuqqas u jħallas dik it-taxxa fi żmien għaxart ijiem mid-data meta jkun ġie lilu notifikat dak l-avviż skont is-subregola (2).'

Mhux talli azzjoni ma teskludix l-oħra illi l-istess regolament S.L. 372.14 jgħidu hekk:

'14.(1)…

(2) Azzjoni li tittiehed mill-Kummissarju skont is-subregola (1) m'għandha b'ebda mod iżżomm lill-Kummissarju milli jimponi xi taxxa addizzjonali preskritta taħt dawn ir-regoli jew milli jibda proċedimenti dwar xi reat kontra l-Atti dwar it-Taxxi.'

[5] Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll illi hemm mal-Konvenzjoni illi jgħid hekk:

'Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.'

[6] Apparti għall-artikolu 13 surreferit, l-appellat jagħmel referenza għall-paragrafu 5 tal-Artikolu 66 tal-Kap 406 illi jgħid hekk:

'(5) Rappreżentant ikollu responsabbilta' solidali mal-persuna li jkun qiegħed jirrapreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna: iżda meta ir-rappreżentant ikun aġixxa in bona fede u ma jkunx qiegħed xjentement jikkontravjeni is-subartikolu (4) jew kull obbligazzjoni oħra taħt dan il-Att, ir-responsabbilta' tiegħu taħt dan is-subartikolu għandha tkun limitata għall-flus jew għall-valur tal-proprjeta' li huwa jkun qiegħed jamministra jew jikkontrolla li tkun ta' persuna jew dovuta lil persuna li huwa jkun ir-rappreżentant tagħha.'

(c) Jiksru d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq protett kemm mill-Konvenzjoni u mill-Kostituzzjoni għaliex joħolqu piż sproporzjonat fuq id-difiża;

(d) Jiksru d-dritt tal-esponent għall-proprjeta' u smigħ xieraq għaliex iżommuh imdendel fi stat ta' illegalita' pereni;

(e) Jiksru d-dritt tal-esponent smigħ xieraq għaliex, bi ksur tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll illi hem mal-Konvenzjoni, qed isofri multipliċita' ta' kastigi għall-istess nuqqas[8];

(f) Jiksru d-dritt tiegħu taħt l-Artikolu 1 tar-raba protokoll li hemm mal-Konvenzjoni għaliex jista' jinkorri progunerija għal dejn[9].

## It-Talba tal-Esponent

[7] '6(1)Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smiegħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'soċjeta' demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirskostanzi speċjali meta l-pubbliċita' tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.
(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċent sakemm ma jiġi pruvat ħati skont il-liġi.
(3)Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:
(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettall, dwar in-natura u r-raguni tal-akkuża kontra tiegħu;
(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;
(ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħzula minnu stess jew, jekk ma jkollux meżżi biżżejjed li jħallas assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;
(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-ezami ta' xhieda favur iegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bhax-xhieda kontra tiegħu.
(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpret jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa uzata fil-qorti.'

[8] 'Artikolu 4 – Id-dritt li persuna ma tiġix ipproċessata jew ikkastigata darbtejn 1. Hadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerga' jiġi kkastigat hjal darboħra fi proċedimenti kriminali taħt il-gurisdizzjoni tal-istess Stat għal xi reat li dwaru diġa' gie finalment liberat jew misjub ħati skont il-liġi u l-proċeduri tal-Istat.
2. Id-dispożizzjoni tal-paragrafu preċedent ma għandhomx izommu milli l-kax jerga' jinfetah skont il-liġi u l-proċedura penali tal-Istat in kwistjoni, jekk ikun hemm provi ta' xi fatti godda jew li jkunu għadhom kif ġew żvelati, jew inkella jekk ikun hemm xi vizzju fundamentali fil-proċedimenti ta' qabel, li jista' jkollhom effett fuq kif jiżvolġi l-każ.
3. Ebda deroga minn dan l-artikolu ma għandha ssir taħt l-artikolu 15 tal-Konvenzjoni.'

[9] 'Artikolu 1 – Projbizzjoni ta' priġunerija għal dejn had ma għandu jiġi pprivat mil-liberta' tiegħu unikament minħabba fl-inkapaċita' tiegħu li jwettaq obbligazzjonijiet kuntrattwali.'

Għaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikara illi għar-raġunijet fuq esposti in-normi tal-liġi tal-FSS ċitati fil-*footnotes* (speċjalment ir-regolament 30 tal-L.S. 372.14)[10] jledu d-drittijiet tar-rikorrent kif protetti:

    i. Mill-Kostituzzjoni ta' Malta fl-Artikolu 39 u 37 suċċitati; kif ukoll

    ii. Fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol illi hem mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Dritijiet tal-Bniedem tal-Libertajiet Fundamentali, u l-Artkolu 4 tas-Seba' Protokoll illi hem mal-Konvenzjoni;

    iii. Jiskru d-drittijiet tiegħu taħt l-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll li hem mal-Konvenzjoni;

    iv. Tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Angelo Agius) vs Angelo Zahra" tad-9 ta' Marzu 2012 (Każ Nru. 88394/10/01/01).

2. Tagħti kull rimedju, direttiva u kumpens li jidhrilha xieraq.

Rat ir-risposta tal-intimati l-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali, id-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), u l-Kummissarju tal-Pulizija, ippreżentata fis-6 ta'Mejju 2013, a fol. 10, fejn eċċepew:

1. Illi fl-ewwel lok u *in linea* preliminari, ir-rikors promotur huwa irritu u null in kwantu intempestiv *stante* li d-deċizjoni tal-Qorti tal-Magistati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet *"il-Pulizija (Spettur Anthony Agius) vs Angelo Zahra (ID 751849(M))"* tad-9 ta' Marzu 2012 u tagħha qed jintalab it-tħassir

[10] Ossia Artikolu 7(1) tall-Kap 372, ir-regolament 30 tal-L.S. 372.14, l-Artikolu 23(13) tal-Kap. 372, ir-regola 24 tal-L.S. 372.14, regola 14(1) S.L. 372.14 u l-effett kombinat tagħhom.

fir-rikors in risposta għadha *sub iudiċe* quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri);

2. Illi fit-tieni lok u *in linea preliminari* r-rikors promotur huwa wkoll irritu u null in kwantu ma josservax id-dispost tal-Artikolu 3(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 li jrid li rikors quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) għandu jkun fih, b'mod konċiż u ċar, il-fatti li minnhom jinħoloq l-ilment u għandu jsemmi d-dispożizzjoni jew dispożizzjonijiet tal-Kostituzjzoni ta' Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali li jkun allegat li jkunu ġew, li jkunu qed jiġu jew li jkunu x'aktarx ser jiġu miksura. Minflok ir-rikors promotur in risposta qiegħed jirreferi għad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet tal-*income tax* rigward FSS allegatament leżivi unikament permezz ta' *footnotes* minflok jagħmel referenza ċara għal-lanjanza tiegħu fit-test prinċipali tar-rikors u mbagħad jgħaddi biex jitlob lil din l-Onorabbli Qorti *"tiddikjara illi għar-raġunijiet fuq esposti n-normi tal-liġi tal-FSS ċitati fil-footnotes"* [u hawn jerga jikkwota l-imsemmija artikoli permezz ta' *footnote*] *"jledu d-drittijiet tar-rikorrenti."* Għalhekk tissussisti l-irritwalita' u n-nullita' tar-rikors promotur.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, *dato ma non concesso* li r-rikorrenti jingħata l-opportunita' jirretifika din il-mankanza, l-esponenti jirriserva illi jintavolaw risposta ulterjuri jekk ikun il-każ;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent Angelo Zahra huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li mhux minnu li ġew u / jew qed jiġu leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti mill-Kostituzzjoni u l-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin;

5. Illi bir-rispett dovut, ir-rikors promotur m'hu xejn għajr l-ilmenti tar-rikorrent għaliex ma jaqbilx mal-liġijiet tal-pajjiż. Dan hu manifest anke mill-mod kif gie redatt ir-rikors promotur. B'kull dovut rispett, din l-Onorabbli Qorti fis-Sede Kostituzzjonali tagħha għandha l-kompitu limitat illi tara jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ kienx hemm ksur jew le tad-dritt sanċit fil-Kostituzzjoni ta' Malta jew fil-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u mhux biex tisma' jew tiddeċiedi dwar l-ilmenti tar-rikorrent in kwantu ma jaqbilx mal-liġijiet tal-pajjiż;

6. Illi kull allegat ksur tad-dritt tal-proprjeta' tar-rikorrent kif protett mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll illi hemm mal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u *"mill-kostituzzjoni"* għaliex allegatament joħolqu *"piż sproporzjonat billi jaddosawh bid-djun tal-kumpannija anke f'nuqqas ta' prova ta' agir in mala fede'* huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt;

7. Illi b'kull dovut rispett, din l-allegazzjoni mhux talli hija nfondata fil-fatt u fid-dritt talli hija frivola u vessatorja. Ir-rikorrent bħala *sole director* kellu kull dover u obbligu li kull xahar jgħaddi t-taxxa fuq id-dħul u kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali mnaqqsa u migbura mis-salarji tal-impjegati tiegħu u jgħaddihom lill-esponent Direttur Ġenerali (Taxxi Interni);

8. Illi fl-umli fehma tal-esponenti huwa immedjatament evidenti li la l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ma huma applikabbli għall-każ in deżamina *stante* li "*for there to have been a deprivation of property, (in terms of article 1 of the first protocol) the applicant must, of course, demonstrate that he or she had title to it*[11]*."* Bla dubju ta' xejn ir-rikorrent in kwantu *sole director* tas-soċjeta' Stratford Company Limited (C18483), ma kellu l-ebda jedd li japproprija ruħu mill-imsemmija kontribuzzjonijiet tat-taxxa u tas-sigurta' soċjali mnaqqsa mis-salarji tal-impjegati tiegħu u għalhekk huwa inawdit li quddiem din l-Onorabbli Qorti qiegħed jallega ksur tad-dritt tiegħu għall-proprjeta';

9. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti mhux qed jifhmu fejn qiegħed l-allegat *'piż sproporzjonat.'* Bir-rispett kollu, l-ammont ta' EUR 10,631 u EUR 53,829.38 jirrappreżentaw pagamenti tal-FSS u kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali mnaqqsa mis-salarji tal-impjegati tiegħu għas-snin 1998 sal-2001 kif dikjarati minnu stess. L-ammonti l-ohra rappreżentanti multi fuq dawn l-ammonti (multi tal-FSS u l-KSS) jirriżultaw biss minħabba n-nuqqasijiet serji tiegħu bħala *sole director* tas-soċjeta' Stratford Company Limited (Ċ18483) li jgħaddi dawn il-pagamenti lill-esponent Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) u żgur ma joħolqu l-ebda piż sproporzjonat tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ;

---

[11] Paġna 676 ta' Harris O Boyle fejn wed jiġi kkwotat il-każ 'Holy Monastries v Greece' A 301-A (1995); 20 EĊHR 1

10. Illi mingħajr preġudizzju għal dan, jingħad ukoll li fit-22 ta' Awissu 2011, ir-rikorrent kellu l-opportunita' li jibbenefika minn tnaqqis ta' 90% jew 80% tal-multi FSS u KSS dovuti minnu skont l-iskema dwar tnaqqis fil-multi tal-FSS u l-KSS skont l-Ordni tal-Ezenzjoni maħruġa mill-Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment tas-7 ta' Lulju 2010. Madankollu huwa ma bbenefikax mill-imsemmija skema u minflok irriżenja minn direttur tal-imsemmija soċjeta' Stratford Company Limited b'effett mill-31 ta' Awissu 2011. Jingħad ukoll huwa reġa assuma l-kariga ta' *sole director* ftit wara, u ċjoe' fl-14 ta' Diċembru 2011;

11. Illi r-rikorrent huwa wkoll legalment żbaljat meta jgħid li l-ammonti dovuti huma *'djun tal-kumpannija.'* Djun tal-kumpannija huma t-taxxa fuq id-dħul dovuta mill-istess soċjeta'. Huwa minnu li fil-każ ta' *income tax* id-diretturi huma responsabbli personalment biss f'każ ta' meta *mala fede* pero', bir-rispett dovut, mhux leċitu li r-rikorrent jipprova jiżvijja billi jassimila l-kunċett ta' taxxa fuq dħul ma taxxa u kontribuzzjonijiet miġbura mis-salarji tal-impjegati dovuti lill-esponent Direttur Ġenerali (Taxxi Interni). Hemm distinzjoni netta bejn iz-żewġ kunċetti u tali distinzjoni m'għandha qatt tiġi mċajpra;

12. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent fis-sens li *'l-imsemmija normi'* jiksru d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq in kwantu skont hu *'jxejnu d-difiża illi jista' jressaq biex jiskolpa ruħu', 'joħolqu piż sproporzjonat fuq id-difiża'* u *'jżommuh imdendel fi stat ta' illegalita' perenni'* huma kollha nfondati kif ukoll frivoli u vessatorji;

13. Illi fil-każ odjern huwa manifest li matul il-proċeduri kriminali deċiżi fid-9 ta' Marzu, 2012 u li *tra l'altro* għadha *sub judice* quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ir-rikorrent dejjem ingħata smigħ xieraq u pubbliku minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi u fi żmien raġjonevoli u għalhekk, dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, kull allegazzjoni minnu mressqa fis-sens li qegħdin jiġu leżi d-drittijiet tiegħu sanċiti permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija manifestament infondata;

14. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-motivazzjonijiet u l-konklużjonijiet li waslet għalihom l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħal Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kellu riżultat ta' aċċertament probatorju xieraq u kienet biss l-inottemperanza tar-

rikorrent mad-doveri tiegħu li jgħaddi t-taxxa u l-kontribuzzjonijiet miġbura mill-impjegati lill-esponent Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) li żammitu fi stat perenni ta' illegalita';

15. Illi l-allegazzjoni fil-paragrafu (e) tar-raba' paġna tar-rikors promotur fis-sens illi *"jiksru d-dritt tiegħu għas-smiegħ xieraq għaliex, bi ksur tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll illi hemm mal-Konvenzjoni"* bir-rispett kollu mhix intelliġibbli;

16. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jiċħdu kull allegat ksur tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni in kwantu mhuwiex minnu li r-rikorrenti sofra multipliċita' ta' kastigi għall-istess nuqqas kif allegat minnu;

17. Illi bir-rispett dovut jidher li l-imputat mhux qiegħed jagħmel id-distinzjoni xierqa u legalment korretta li tiddiferenzja bejn it-taxxa / kontribuzzjonijiet addizzjonali li huma purament ta' natura amministrattiva u l-multa ta' natura penali fl-ammont ta' €1,000 kif imposta mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali permezz tad-deċiżjoni tagħha tad-9 ta' Marzu, 2012;

18. Illi kull allegat ksur tal-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni huwa ukoll infondat fil-fatt u fid-dritt kif ukoll frivolu u vessatorju;

19. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost huwa manifest li dan l-artikolu mhux applikabbli in kwantu ma jirriżultax li fiċ-ċirkostanzi odjerni r-rikorrent ġie kkundannat jiskkonta xi piena karċerarja b'dan illi kull allegazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni, in kwantu ntiża unikament bħala eżerċizzju akkademiku, hija nulla u insostenibbli;

20. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-obbligu tar-rikorrent li bħala *sole director* tas-soċjeta' Stratford Company Limited jgħaddi lill-esponent Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) il-flus huwa ġabar mill-impjegati tiegħu rappreżentanti ħlasijiet tagħhom tat-taxxa fuq id-dħul u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali m'hijiex obbligazzjoni kuntrattwali fis-sens tal-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni;

21. Illi dejjem mingħajr preġudizzju u biss għall-grazzja tal-argument, *dato ma non concesso* li ġew leżi d-drittijiet tar-rikorrent *pro et noe*

sanċit bl-artikoli 39 u / jew 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u / jew bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u / jew bl-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll u / jew bl-artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-istess Konvenzjoni, l-esponenti jissottomettu li r-rimedju mitlub mir-rikorrent mhuwiex ġustifikat;

22. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant l-esponenti, jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bħala frivoli u vessatorji u nfondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Mejju, 2013 fejn Dr Attard għar-rikorrent talab li l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-proċeduri kriminali sakemm tiġi deċiża din il-kawża u li Dr Portelli għall-intimati. Ir-rikors ġie differit biex tiġi trattat din it-talba u sabiex tingħata deċiżjoni fir-rigward;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Mejju fejn id-difensuri tal-partijiet trattaw it-talba biex jiġu sospiżi l-proċedura kriminali u r-rikors ġie differit biex jingħata provvediment;

Rat il-provvediment li ngħata fit-22 ta' Mejju 2013 fejn fir-rigward għat-talba għas-sospensjoni tal-proċeduri kriminali, il-Qorti ċaħdet it-talba u dana peress illi l-Qorti ma ħassitx li kellha tordna Qorti oħra x'għandha tagħmel meta jkun hemm dawn il-proċeduri pendenti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013 fejn it-talba ta' Dr Attard għar-rikorrent sabiex jiġi allegat il-proċess tal-appell kriminali ma ġiex oppost mill-parti l-oħra. Il-Qorti laqgħat it-talba b'dan li dan isir wara li tiġi deċiża l-kawża msemmija.

Illi fix-xhieda tiegħu r-rikorrent, Angelo Zahra [a fol. 20-23] xehed illi huwa kien direttur tal-kumpannija Stratford. Xehed ukoll li kien jaf li l-istess kumpannija ma kenitx ħallset l-FSS peress illi huwa kien marid b'marda serja u kien siefer ukoll għat-terapija. Qal ukoll illi kellu problemi finanzjarji, l-assi tiegħu ġew iffriżati u kellu problemi mal-VAT.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Jannar 2014 fejn xehdet Denise Frendi u esebiet Dok. DFO1 li miegħu kien hemm annessi s-segwenti dokumenti:

Dok A: relatati mal-kura tal-intimat ġewwa Sptar fl-Ingilterra;

Dok B: dokumentazzjoni relatata mas-siġill tal-fondi tal-kumpannija Stratford u tas-sussegwenti rikors subbasta daparti tal-bank HSBC Malta plc;

Dok C1 u C2: kopja tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Ian Abdilla) vs Angelo Zahra" tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Ġudikatura Kriminali datata 18 ta' Diċembru 2009;

Dok D1, D2 u D3: kopji taċ-Ċedoli ta' Kompensazzjoni ta' HSBC Bank Malta plc versu Stratford Company Limited;

Dok E: kopja tad-deċizjoni tal-Arbitru l-Imħallef Dr Albert Manche' fl-ismijiet Commissioner of VAT vs HSBC Bank Malta plc;

Dok F: kopja ta' Nota tal-Kummissarju għat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-kawża fl-ismijiet "HSBC Bank Malta plc vs Stratford Company Limited", fejn il-Kummissarju rtira l-oġġezzjoni tiegħu;

Dok G u H: kopji ta' dokumentazzjoni relatata mal-VAT tal-kumpannija Stratford Company Limited;

Dok I: kopja ta' korrispondenza relatata mad-dikjarazzjoni Presidenzjali numru 574;

Dok J: Petizzjoni lill-Eċċellenza Tiegħu l-President tar-Repubblika [28 ta' Diċembru 2009] u r-Risposta tal-Assistant Direttur (Justice Affairs) għas-Segretarju Permanenti [16 ta' Frar 2011];

Dok K: kopja tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Anthony Agius) vs Angelo Zahra", Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – Seduta tal-Income Tax, datata 9 ta' Marzu 2012 flimkien mar-riċevuta ta' ħlas tal-multa.

Rat ix-xhieda ta' Denise Frendo a fol. 212 tal-proċess fejn hija spjegat illi kienet ilha tgħix mar-rikorrent għal 18-il sena. Ix-xhud ikkonfermat id-dikjarazzjoni kontenuta f'Dok. DFO1 u spjegat kif ġabret id-dokumentazzjoni annessa.

Rat in-nota tar-rikorrent a fol. 138 tal-proċess li permezz tagħha esebixxa kopja tal-proċess tal-Appell Kriminali 155/12 MM.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar, 2014 fejn Dr Attard għar-rikorrent iddikjara li m'għandux aktar provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Frar 2014 fejn xehdu in kontro-eżami Denise Frendo [a fol. 241-242] u r-rikorrent Angelo Zahra [a fol. 243-248]. Xehed ukoll Josman Delmar, prodott mill-intimati u esebixxa tmien (8) dokumenti – minn Dok JD1 sa JD8 [a fol. 217-240].

Illi x-xhud Josman Delmar, Assistent Prinċipal fi ħdan id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, spjega kif il-P.E. number tas-soċjeta' Stratford Company Limited fl-1 ta' Marzu 1995. Dan il-P.E. number ġie *deactivated* fit-28 ta' Gunju 2011 meta Angelo Zahra ddikjara li l-aħħar li kellu impjegati kien f'Lulju 2001. Ta dettalji dwar bilanċi dovuti. Xehed ukoll fuq l-iskema li kienet inħarġet dwar it-tnaqqis fil-multi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Marzu, 2014 fejn Denise Frendo esebiet Dok DF1 [a fol. 257-284] li essenzjalment jikkomprendi dettalji dwar id-dati li fihom ir-rikorrent kien rikoverat l-isptar.

Illi waqt l-istess udjenza l-avukati difensuri tal-partijiet ittrattaw il-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi kif ingħad ir-rikorrent qed jitlob li l-Qorti tiddikjara n-normi tal-liġi tal-FSS jledu d-drittijiet tiegħu kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

Illi din il-Qorti diversament preseduta kellha aktar minn okkażjoni waħda tiddeċiedi dwar kwistjonijiet simili. Illi wahda riċenti minn dawn kienet fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Godwin Azzopardi"** (deċiża fil-21 ta' Frar, 2014). Dwar il-ħlas ta' taxxa skont l-FSS il-Qorti tosserva kif gej:

*"Ħlas li wara kollox mhu xejn għajr taxxa u bolla li tnaqqset mill-bolla tal-impjegati mill-prinċipal (Zimmerman Project House Limited) biex suppost tħallas lid-Dipartiment tat-Taxxa.*

*Għaldaqstant dan l-ilment hu nfondat."*

Għalhekk huwa evidenti illi l-għan ewlieni wara dawn il-provvedimenti hu biex jassigura li l-prinċipal iwettaq id-dmir tiegħu li jħallas it-taxxa li titnaqqas mill-paga tal-impjegati.

Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kellha wkoll okkażjoni illi tippronunzja ruħha fuq l-applikażżjoni tal-prinċipji f'każijiet ta' taxxa analogi għall-każ odjern.

**ARTIKOLU 6 TAL-KONVENZJONI**

**"Segame SA vs France" (no. 4837/06), ECHR [07.06.2012]**

- Dwar il-kompatibbilta' tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-impożizzjoni ta' multi amministrattivi
- 

*"54. The Court reiterates that a system of administrative fines, such as the tax penalties in the present case, is not incompatible with Article 6 § 1 of the Convention so long as the taxpayer can bring any such decision affecting him before a court that affords the safeguards of that provision (see "Bendenoun vs France", 24 February 1994, § 46, Series A no. 284, and "Silvester's Horeca Service vs Belgium", no. 47650/99, § 25, 4 March 2004)."*

- L-applikabilita' tal-prinċipju tal-proporzjonalita'

*"59. The Court observes first of all that the law itself, to a certain degree, makes the fine proportionate to the seriousness of the taxpayer's conduct, by expressing it as a percentage of the unpaid tax, the calculation of which the applicant Company had ample opportunity to discuss in this case (see,* mutatis mutandis, Valico S.r.l. vs Italy (dec.), *no. 70074/01,* ECHR 2006-III). *The Court also accepts the Government's point concerning the special need for fiscal measures to be sufficiently effective to preserve the interests of the State, and further observes that such cases differ from the hard core of criminal law for the purposes of the Convention (see,* mutatis mutandis, Jussila vs Finland [GC], *no. 73053/01, § 43,* ECHR 2006-XIII). *Lastly, it considers that the rate of the fine, fixed at 25% by the order of 7 December 2005, does not appear disproportionate (see* Malige, *cited above, § 49; and contrast,* mutatis mutandis, Mamidakis vs Greece, *no. 35533/04, § 48, 11 January 2007, and* Grifhorst vs France, *no. 28336/02, § 105, 26 February 2009).*

*60. Accordingly, in the absence of any arbitrariness, the Court concludes that there has been no violation of Article 6 § 1 of the Convention in the instant case."*

**ARTIKOLU 4 TAS-SEBA' PROTOKOLL**

**The European Ċonvention on Human Rigħts, Robin Ċ.A.**

**White & Ċlare Ovey, Oxford [2010] paġna 305).**

*"The Strasbourg Court has stated that the aim of Article 4 of Protocol 7 'is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision.' The scope of Article 4 has been clarified by*

*the Grand Chamber in the Sergey Zolotukhin case. The Grand Chamber was influenced by the text of corresponding provisions in the Covenant on Civil and Political Riġhts, and the American Convention on Human Riġhts, in concluding that the Article should be interpreted as prohibiting the prosecution or trial of an individual for a second offence where that second prosecution or trial arose from 'identical facts or facts which are substantially the same, and the guarantee comes into play where a new set of proceedings is instituted after a prior acquittal or conviction has acquired the status of res judicata." (The European Convention on Human Rights, Robin C.A. White & Clare Ovey, Oxford [2010] paġna 305).*

**RUOTSALAINEN vs FINLAND** (13079/03), ECHR (16.06.2009)

- *"41. The aim of Article 4 § 1 of Protocol No. 7 is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision. In the case under consideration two measures were imposed on the applicant in two separate and consecutive sets of proceedings. On 26 February 2001 the applicant was fined in summary penal order proceedings and on 17 September 2001 the applicant was issued with a fuel fee debit in administrative proceedings.*

- *42. The Court reiterates that the legal characterisation of the procedure under national law cannot be the sole criterion of relevance for the applicability of the principle of non bis in idem under Article 4 § 1 of Protocol No. 7. Otherwise, the application of this provision would be left to the discretion of the Contracting States to a degree that miġht lead to results incompatible with the object and purpose of the Convention (see, most recently, "Storbråten vs Norway (dec.), no. 12277/04, ECHR 2007-... (extracts), with further references). The notion of "penal procedure" in the text of Article 4 of Protocol No. 7 must be interpreted in the liġht of the ġeneral principles concerning the corresponding words "criminal charge" and "penalty" in Articles 6 and 7 of the Convention respectively (see Haarvig vs Norway (dec.), no. 11187/05, 11 December 2007; Rosenquist vs Sweden (dec.), no. 60619/00, 14 September 2004; Manasson vs Sweden (dec.), no. 41265/98, 8 April 2003; Göktan vs France, no. 33402/96, § 48, ECHR 2002-V; Malige vs France, 23*

*September 1998, § 35, Reports of Judgments and Decisions 1998-VII; and Nilsson vs Sweden (dec.), no. 73661/01, ECHR 2005- ...).*

- *43. The Court's established case-law sets out three criteria, commonly known as the "Engel criteria" (see Engel and Others vs the Netherlands, 8 June 1976, Series A no. 22), to be considered in determining whether or not there was a "criminal charge". The first criterion is the legal classification of the offence under national law, the second is the very nature of the offence and the third is the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring. The second and third criteria are alternative and not necessarily cumulative. It is enough that the offence in question is by its nature to be regarded as criminal or that the offence renders the person liable to a penalty which by its nature and degree of severity belongs in the general criminal sphere (see: " Ezeh and Connors vs the United Kingdom [GC"], nos. 39665/98 and 40086/98, § 86, ECHR 2003-X). The relative lack of seriousness of the penalty cannot divest an offence of its inherently criminal character (see: "Öztürk vs Germany", judgment of 21 February 1984, Series A no. 73, § 54, and "Lutz vs Germany", judgment of 25 August 1987, Series A no. 123, § 55). This does not exclude a cumulative approach where separate analysis of each criterion does not make it possible to reach a clear conclusion as to the existence of a criminal charge (see, as recent authorities, "Jussila vs Finland [GC]", no. 73053/01, §§ 30-31, ECHR 2006-..., and "Ezeh and Connors",* ***cited above, § 82-86)."***

## Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll

**"FERRAZZINI vs ITALY"** *(Application no. 44759/98)* ECHR (12.7. 2001) .

*"CONCURRING OPINION OF JUDGE RESS*

*The Court found that developments in the tax field do not affect the fundamental nature of the obligation on individuals or companies to pay tax. However, there is an element in tax proceedings which might lead to a different result, at least in some cases. As the criminal aspects of tax cases are not excluded from the application of Article 6 (see: "Bendenoun*

*vs France", judgment of 24 February 1994, Series A no. 284), I consider that the aspect of immediate enforcement, which presents similarities with the effect of penalties and can be even more severe from an economic point of view, should not be excluded a priori from the scope of application of Article 6.*

*Even if tax matters, at least ġenerally speaking, still form part of the hard core of public-authority prerogatives, there is an aspect in which the State transgresses those prerogatives and enters a sphere in which the individual should, in a democratic society, be able to challenge such a duty on the taxpayer by arguing that there has been an abuse of rights in immediate enforcement proceedings. In the same way as the Court has established an obligation in respect of penalties not to proceed to enforcement before the individual has had the possibility of having the lawfulness reviewed, that aspect seems to me to be also valid in respect of tax proceedings. If the procedure in tax cases in some Contracting States does not provide for a stay of proceedings where the individual disputes his obligation to pay or does not at least give him the possibility of requesting a stay of execution before paying sometimes considerable amounts, the lawfulness of which is disputed, the State is using the predominant position conferred on it by its sovereign prerogatives in a manner which might be deemed excessive. That may also be the case if the State requests, in the event of a stay of enforcement, bank guarantees imposing an excessive burden on the individual.*

*If account is taken of the sometimes very lengthy tax proceedings before tax authorities and courts dealing with tax cases, the taxpayer is left in a position which one would be hard pressed to describe as "part of the normal civic obligations in a democratic society" (see: "Schouten and Meldrum vs the Netherlands", judgment of 9 December 1994, Series A no. 304, p. 21, § 50). That is a factor which might, in my opinion, induce the Court to review certain aspects of the application of Article 6 in taxation cases."*

Il-Qorti pero' in vista ta' din il-ġurisprudenza, wara li eżaminat l-atti u kellha okkażjoni tisma' l-provi, jidhrilha li l-intimati għandhom raġun jgħidu li r-rikorrenti ġab is-sitwazzjoni li jinsab fiha b'idejh u ma jista' jwaħħal f'ħadd jekk mhux fih innifsu.

Illi wieħed jikkompatih biss għall-marda li kellu u li tagħha għadu qed jieħu kura iżda s-sitwazzjoni kienet ġia ppreċepitat qabel dan, u nfatti sa mill-2000 kien diġa' mhux iħallas il-kontibuzzjonijiet tas-Sigurta' Nazzjonali tal-ħaddiema tiegħu. Wieħed ma jistax ikun negliġenti għall-aħħar fin-negozju tiegħu, iħalli s-sitwazzjoni teħżien għal ħafna snin u allura jkun f'pożizzjoni aktar vulnerabbli għaliex huwa naturali li meta persuna tikber aktar fl-eta' aktar tikber il-possibbilta' li saħħtu ma tibqax li tkun u mbagħad jitlob l-intervent tal-Qorti għaliex isibha impossibbli li jirrimedja l-pożizzjoni tiegħu.

Illi lanqas ma jista' r-rikorrenti jilmenta li l-provvedimenti li qed jattakka b'dawn il-proċeduri jagħmluha impossibbli għalih li jiġġestixxi n-negozju mingħajr ma jikser l-istess provvedimenti għaliex allura dan ma jispjegax kif eluf ta' negozjanti oħra jsegwu l-liġi skrupolożament mingħajr ma jinkorru ebda penalita' u ebda multa jew addirittura sentenza karċerarja.

Illi kif eċċepew l-intimati, ir-rikors promotur huwa aktar espożizzjoni tar-rikorrenti dwar il-liġijiet in kwistjoni, u għaliex huwa ma jaqbilx magħhom, u l-Qorti mhijiex qegħda biex tikkummenta fuq il-liġi iżda biex timplimentaha. Huwa biss meta dik il-liġi tikser il-provvedimenti tal-Kostituzzjoni li tista' tesprimi n-nuqqas ta' qbil tagħha – xi ħaġa li r-rikorrenti ma ppruvax fil-kors tal-kawża.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimati u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------